# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 18/2016 BS**

**CF**

**-vs-**

**JC**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur CF illi ppremetta:**

1. ILLI l-kontendenti żżewġu fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u miż-żwieġ tagħhom kellhom żewġ ulied minorenni, LF ta' tmien (8) snin li twieldet fit-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008) u TF ta' sitt (6) snin li twieldet fil-ħdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u disa' (2009);

2. ILLI l-partijiet isseparaw minn xulxin u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti gia eżistenti bejniethom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (kopja annessa bħala Dok 'A') li permezz tiegħu l-attur CF kien aċċetta li l-kura u l-kustodja taż-żewġ minuri LF Farrugia u Trish Farrugia għandhom jibqgħu f'idejn il-mara u li l-istess CF jkollu aċċess għall-minuri darbtejn fil-ġimgħa;

3. ILLI l-attur CF, qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-kura u l-kustodja taż-żewġ (2) minorenni, LF Farrugia u Trish Farrugia tkun konġunta filwaqt li t-tfal jirrisjedu ugwalment maż-żewġ partijiet u dan minħabba l-fatt li l-ulied minuri wrew u għadhom juru xewqa li jgawdu l-missier sostanzjalment aktar milli qegħdin preżenzjalment u dan kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża u minħabba l-fatt ukoll li l-missier ma jħossx li għandu jiċċaħħad mid-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ulied minuri tiegħu li magħhom igawdi relazzjoni tajba ħafna;

4. ILLI x-xogħol u l-introjtu tal-missier naqas sostanzjalment u ma jistax jibqa' jħallas il-manteniment kif dedott fil-kuntratt ta' separazzjoni;

5. ILLI minkejja li huwa eliġibbli għaċ-*children's allowance*, l-esponenti ma jistax japplika għall-istess għaliex l-intimata ma hix disposta li tagħmel il-modifiki neċessarji sabiex ikun jista' jieħu dawn il-benefiċċji;

6. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost u minħabba l-bdil fil-modalitajiet ta' aċċess versu l-ġenituri, u billi l-ispejjeż għal minuri ser jiġu direttament żborżjati mill-missier favur l-istess ulied minuri, irid neċessarjament jiġi varjat il-ħlas tal-manteniment kif stipulat fil-kuntratt b'dan li jiġi ridott jew imnaqqas proporzjonalment maż-żieda fil-ħin li l-imsemmija minuri jkunu qed iqattgħu mal-missier u dan minħabba r-raġunijiet li ser jiġu pprovati fil-mori tal-kawża.

**Talab lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tordna l-varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni fil-klawżoli li għandhom x'jaqsmu mal-kura u l-kustodja tal-minuri u tordna li l-istess kura u kustodja taż-żewġ (2) minorenni LF Farrugia u Trish Farrugia għandha tkun waħda konġunta;

2. Tordna li l-aċċess tal-ulied minuri favur il-missier għandu jiżdied b'dana illi l-missier igawdi lil uliedu daqs martu u li għalhekk l-aċċess għandu jkun għal tliet ġranet fil-ġimgħa liema ħinijiet għandhom ikunu predeterminati u jwasslu biex it-tfal iqattgħu l-istess ħin mal-omm kif ukoll mal-missier f'ġimgħa waħda u dan fil-ġranet il-ħinijiet li jidhrilha xierqa din il-Qorti Onorabbli jekk ikun il-każ bl-assistenza ta' psikologi jew *social workers*, jekk ikun il-każ;

3. Tordna l-varjazzjoni u ridozzjoni jew tħassir tal-klawżola li tirrigwarda ħlas ta' manteniment dovut lill-intimata Josette Farrugia fir-rigward taż-żewġt (2) ulied , LF Farrugia u Trish Farrugia.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta JC illi eċċepiet:**

1. ILLI fl-ewwel lok l-eċċipjenti tiġbed l-attenzjoni għall-kunjom tagħhom li tniżżel bħala 'Farrugia', meta l-istess kunjom in forza tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-konvenuta rrevertiet lura għal kunjom xbubitha ossia 'Cassar' u għalhekk konsegwentement titlob korrezzjoni fl-okkju tal-kawża;

2. ILLI fit-tieni lok, l-eċċepjenti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni partikolari l-għaliex id-dispożizzjonijiet dwar il-kura u kustodja tal-minuri għandhom jiġu varjati stante li ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ma nbidlux b'tali mod li jagħtu raġuni l-għalfejn dawn għandhom jinbidlu;

3. ILLI l-minuri llum addottaw stil ta' ħajja u rnexxielhom jakkwistaw bilanċ u ekwilibbriju fil-ħajja tagħhom. Għalhekk it-tieni talba attriċi għandha tiġi miċħuda. L-unika raġuni li jagħti l-attur hija peress li huwa ma jiflaħx iħallas il-manteniment. Huwa risaput li l-manteniment u l-aċċess huma żewġ materji differenti u waħda ma tistax tiġi kundizjonata mill-oħra. Konsegwentement anke din it-talba għandha tiġi miċħuda;

4. ILLI t-talba għall-varjazzjoni, riduzzjoni jew tħassir tal-manteniment għandha tiġi miċħuda stante li l-ġenituri huma tenuti li jikkontribwixxu ugwalment għall-minuri u dak li qiegħed jitlob l-attur huwa li jżomm lill-ulied biex ma jħallasx manteniment u dan meta l-introjtu tal-attur huwa fejm akbar minn dak li qed jiddikjara huwa stess kif sejjer jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;

5. ILLI għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda in toto bl-ispejjeż kontra l-attur;

6. SALVI eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

**Rat il-kontrotalba ġuramentata ta' JC illi ppremettiet:**

1. ILLI l-partijiet iżżewgu fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u miż-żwieġ tagħhom kellhom żewġt (2) ulied minorenni, LF li twieldet fit-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008) u TF li twieldet fil-ħdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009) u għalhekk għandhom tmien (8) snin u sitt (6) snin rispettivament;

2. ILLI l-partijiet isseparaw minn xulxin u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti gia eżistenti bejniethom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar, tas-sena elfejn u erbatax (2014), kopja ta' liema tinsab annessa bħala Dok A flimkien mar-Rikors Ġuramentat;

3. ILLI permezz tal-imsemmi kuntratt 'ir-raġel qiegħed jobbliga ruħu li jħallas lil mara s-somma ta' mija u ħamsin Euro (€150.00) għal kull wild sakemm uliedhom isiru maġġorenni dan bħala manteniment għaż-żewġt uliedu preżentament minuri, liema ammont għandu jiġi miżjud minn sena għal sena in konformintà mal-indiċi tal-għoli tal-ħajja u dan sakemm dan l-ammont ma jeċċedux is-somma ta' mija u ħamsa u sittin Euro (€165.00) fix-xahar għal kull wild. Ir-raġel jirrikonoxxi li meta wliedu jsiru maġġorenni u jkunu qed isegwu studju *full-time*, huwa ser ikompli jikkontribwixxi direttament għall-manteniment tagħhom sakemm jiggradwaw minn l-edukazzjoni, taħriġ, jew tagħlim *full-time* sal-ewwel degree li jiġi segwit Malta/Għawdex jew sakemm jagħlqu t-tlieta u għoxrin (23) sena, u ċjoè sa liema waħda minn dawn tavvera ruħha l-ewwel. In oltre l-partijiet qed jaqblu illi spejjeż straordinarji ta' edukazzjponi u ta' saħħa li jaqbżu l-mitt Euro (€100.00)

għal kull wild għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet wara li l-istess pertijiet ikunu qablu li l-ispiża tkun neċessarja għall-ħtiġijiet tal-istess ulied minuri. Illi dan il-ħlas għandu jsir preferibilment qabel it-transazzjoni bl-obbligu li min ikun ħallas jghaddi kopja tal-irċevuta fi żmien ħmisatx-il jum u f'każ għal xi raġuni l-ħlas ma jkunx laħaq sar qabel allura dan għandu jsir entro t-terminu ta' ħmistax-il jum minn meta l-parti li tkun inkorriet l-ispiża tgħaddi l-irċevuta lill-parti l-oħra;

4. ILLI dan il-manteniment kien ġie maqbul bejn il-partijiet meta ċ-ċirkostanzi tal-ulied kienu għadhom differenti b'dan illi l-ħtiġijiet tal-ulied aktar ma jikbru aktar qed jiżdiedu, kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża;

5. ILLI fir-rigward tal-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, il-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi huwa sajjem ħlief għal spejjeż ta' edukazzjoni straordinarja u li normalment ma jkunux jeċċedu l-mitt Euro (€100.00) u għalhekk il-missier qatt ma qiegħed jikkontribwixxi f'dan ir-rigward;

6. ILLI l-konvenuta rikonvenjenti għalhekk qed tħabbat wiċċha mal-kontijiet kollha relattivi għas-saħħa u edukazzjoni tal-ulied u dan peress li l-attur rikonvenut ma jikkontribwixxi xejn f'dan ir-rigward;

7. ILLI għaldaqstant il-manteniment kif provdut fil-kuntratt ta' separazzjoni ma jirriflettix is-sitwazzjoni reali u għalhekk il-ħtieġa ta' din il-kontrotalba.

**Il-konvenuta rikonvenzjonata talbet lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tordna l-varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni fil-klawsoli li għandhom x'jaqsmu mal-manteniment tal-ulied minuri LF

u TF b'dan illi l-manteniment tal-missier versu l-minuri għandu jiġi awtentat sabiex jirrifletti l-ħtiġijiet tal-istess ulied u ċ-ċirkostanzi relattivi;

2. Tordna l-varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni fil-klawsoli li għandhom x'jaqsmu mal-ħlas tal-ispejjeż extra-kurrikulari, saħħa u edukazzjoni tal-minuri, b'dan illi l-missier jikkontribwixxi għal nofs tali spejjeż.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-attur rikonvenut li minn issa huwa inġunt in subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' CF wara l-kontrotalba tal-konvenuta illi eċċepixxa:**

1. ILLI t-talbiet ta' JC huma infodnati fil-fatt u fid-dritt;

2. ILLI l-konvenut qed jikkontesta t-talbiet kollha tal-imsemmija JC għaliex ma hemm l-ebda ċirkostanza ġdida jew gravi li timmerita il-bdil tal-kuntratt kif qed tipproponiha l-imsemmija JC;

3. ILLI l-klawżoli tal-manteniment kienu awtorizzati mill-Qorti u kienu l-pern tal-kwistjoni bejn il-partijiet fi stadju ta' medjazzjoni u l-imsemmija JC kienet konjxa, konsapevoli u kellha akkordju flimkien ma' żewġha fuq l-imsemmija kwistjoni. Kienet taf u għada taf illi l-missier ma jaqlax flus daqsha u qiegħed jgħix bil-paga minima.

Għaldaqstant it-talbiet tal-konvenuta rikonvenjenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Semgħet u eżaminat ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tal-21 ta' Ġunju, 2022;

Rat il-kuntratt ta' separazzjoni tas-27 ta' Jannar, 2014[1];

Rat li fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2016 ġiet nominata psikologa tat-tfal sabiex tirrelata dwar ix-xewqat tat-tfal fil-konfront tat-talbet magħmula mill-attur għal żieda fl-aċċess[2];

Rat ir-rapport redatt minn Dr Veronica Ellul Federici[3];

Fliet id-dokumenti esebiti rigward id-dħul tal-attur[4];

Fliet id-dokumenti rigward il-paga tal-konvenuta[5];

Rat in-nota tal-konvenuta rigward l-ispejjeż inkorsi fit-trobbija tal-ulied[6];

Rat li din il-kawża għaddiet għand din il-Qorti kif preseduta fil-11 ta' Marzu, 2022;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Xhieda**

Din il-Qorti ser tagħmel riassunt ta' dik ix-xhieda li fl-opinjoni tagħha hija l-aktar rilevanti għall-każ odjern.

---

[1] A fol 7 tal-proċess
[2] A fol 30 tal-proċess
[3] A fol 83 tal-proċess
[4] A fol 132 sa fol 133 tal-proċess
[5] A fol 139 et seq
[6] A fol 209 tal-proċess

Il-Psikologa Dr Veronica Ellul Federici[7] xehdet li l-konklużjonijiet tagħha waslet għalihom billi ħadet in konsiderazzjonij dak li qalu t-tfal kif ukoll il-ġenituri tagħhom, partijiet f'din il-kawża. Tgħid li rigward il-koparenting 50/50 hija rrakkomandat din il-modalità billi l-missier kien li talab għal din kif ukoll għax din it-tip ta' koparenting ma hux ser ixxekkel il-ġid tat-tfal. Qalet li l-omm ukoll qaltilha li hija ser tagħmel dak kollu li jixtiequ t-tfal għal ġid tagħhom.[8]

Mistoqsija jekk hux minnu li l-missier ried iżid il-ħin mat-tfal huwa marbut mat-talba tiegħu għal tnaqqis fil-manteniment li qed iħallas Dr Ellul Fedrici tgħid li huwa minnu wkoll li meta l-attur aċċetta, fil-kuntratt ta' separazzjoni illi l-kura u kustodja tkun f'idejn l-omm huwa kien jaħdem ħafna aktar sigħat għax kien jaħdem f'forn tal-ħobż. Il-fatt li minn dakinhar li ffirma l-kuntratt huwa biddel ix-xogħol, għandu aktar ħin x'joffri lil uliedu u kien għalhekk li hija rrakkomandat li jsir koparenting.

Rigward id-diffikultà tat-tfal li jorqdu, qalet li ż-żewġt itfal għandhom diffikultà ta' rqad u din il-problema tinsorġi kemm meta jkunu għand l-omm u anke meta jkunu għand il-missier.[9]

Tissokta tispjega li mill-intervista li kellha mal-minuri wlied il-kontendenti ma rriżultalhiex li t-tfal ma kinux iħossuhom komdi u għal kenn mall-ġenituri tagħhom.

Rigward *parental authority* ix-xhud tispjega li din tista' tiġi eżerċitata minn terza persuna u dan fin-nuqqas tal-preżenza tal-ġenitur, però sakemm it-tfal ma jkunux fil-periklu. Dan ifisser li s-sieħeb ta' kull waħda mill-partijiet fil-kawża tista' tkun hija l-awtorità fin-nuqqas li l-ġenitur ikun għax-xogħol, perezempju.

---

[7] Seduta tas-16 ta' Jannar, 2019, a fol 108 tal-proċess
[8] A fol 109 tal-proċess
[9] A fol 110 tal-proċess

Tispjega wkoll x'jikkomporta il-50/50 koparenting. Tgħid li biex dan l-arranġament jaħdem it-tfal irid ikollhom l-affarijiet tagħhom għand iż-żewġ ġenituri l-istess u dan sabiex jitnaqqas l-iskariġġ għal-minuri. Tgħid li dan jkun ifisser li jkollhom kollox doppju — kif ikollhom għand l-omm ikollhom għand il-missier. Tgħid li dan l-arranġament irid ikun parallel ma' taħriġ tal-ġenituri għall-koparenting billi jrid ikun hemm aktar kommunikazzjoni bejn il-ġenituri. Tgħid li dan l-arranġament jiddependi ħafna fuq ir-rieda ta' bejn il-partijiet, u tirnexxi daqs kemm huma jixtiequ li din is-sistema taħdem.[10]

**In kontroeżami** tikkonferma illi s-sistema ta' koparenting hija ta beneficċju għat-tfal għax igawdu lill-ġenituri indaqs. Tgħid li avviċinanza mal-ġenuturi tgħin lit-tfal jikbru kemm psikoloġikament u kemm soċjalment u b'hekk il-ħiliet tagħhom biex jiffurmaw relazzjonijiet jikbru wkoll. Tisħaq illi l-ġenituri jridu jgħinu lill-ulied sabiex it-tibdil ikun ta' suċċess. Tgħid li jekk it-tfal jippreċepixxu diffikultà da parti ta' xi ġenitur allura dan jimmina l-proċess u jkollu impatt negattiv fuq l-ulied. Tenniet li f'koparenting il-partijiet iridu jaqblu. Saħqet li huwa important li l-partijiet jitkellmu flimkien ħalli jippjanaw il-proċess.

Rigward *sleep overs* affermat li dan il-proċess irid jkun gradwali bl-għajnuna tal-psikologa li kient qed issegwi t-tfal fl-iskola.

Xehdet **Natasha Zerafa** rappreżentanta tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex, rigward ix-xift u d-dħul perċepit mill-konvenuta.[11] Tgħid li roster tal-konvenuta huwa *day, night, night, off, off*. Meta taħdem matul il-ġurnata din tibda fis-sebgħa ta' filgħodu (07:00am) u taħdem sas-sebgħa u kwart ta' filgħaxija (07:15pm). Meta tkun xogħol filgħaxija tibda mis-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija (06:45pm) sas-sebgħa u kwart tal-għada filgħodu (07:15am).

---

[10] A fol 115 tal-proċess
[11] A fol 135 tal-proċess

**Adrian Sacco** in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali xehed illi jekk l-attur ikollu l-kura u kustodja tal-ulied minuri jkun intitolat jirċievi l-*allowance* tat-tfal. Jekk il-kura u kustodja tkun konġunta, l-*allowance* tinqasam bejn tnejn.

**L-attur CF** xehed[12] illi huwa fetaħ il-kawża odjerna billi l-konvenuta talbitu aktar flus bħala manteniment. Jispjega l-aċċess attwali skont il-kuntratt ta' separazzjoni u jgħid li jixtieq jara aktar lill-uliedu. Rigward l-impjieg attwali jgħid li jaħdem f'ħanut, iġorr il-ħaxix u jagħmel ukoll *part time* ġo *bar* matul is-sajf. Mix-xogħol *full-time* jaqla' madwar sebgħa mija u ħamsin ewro (€750) fix-xahar.

Rigward il-manteniment jgħid li jħallas mija u ħamsin ewro (€150) għal kull wild u spejjeż ta' edukazzjonji jikkontribwixxi sehmu meta l-ispiża tkun taqbeż il-mitt ewro (€100).

Jissokta jixhed illi meta ffirma il-kuntratt ta' separazzjoni huwa kien jaħdem ġo forn, però biddel ix-xogħol biex jkun jista' jqatta' aktar ħin mat-tfal tiegħu. Jgħid li meta kien jaħdem fil-forn kien jaqla' tmien mitt ewro (€800) fix-xahar.

Fl-affidavit tiegħu[13] huwa jgħid li l-konvenuta għandha salarju aħjar minn tiegħu. Jafferma li kien issuggerixxa li japplika hu għaċ-*Children's allowance* u l-*grants* billi l-paga tiegħu kienet anqas minn tagħha però hija rrifjutat.

Jafferma li kien aċċetta li jħallas l-ispejjeż straordinarji li jaqbżu l-mitt ewro (€100).

Rigward l-aċċess jgħid li dan huwa limitat billi huwa jara lil uliedu nhar ta' Tlieta għal sagħtejn u mbagħad *sleep over* darba

[12] A fol 178 tal-proċess
[13] Ikkonfermat bil-ġurament mill-attur seduta stante fis-27 ta'Jannar, 2022

mill-Ġimgha għas-Sibt u darba mis-Sibt għal Ħadd. Jgħid li huwa offra lill-konvenuta li dak li ma jistax jagħti fi flus jagħtih f'ħin ma uliedu però dan il-konvenuta ma aċċettatux. Jafferma li meta kien hawn l-imxija tal-COVID il-partijiet ftiehmu li t-tfal joqogħdu miegħu mingħajr problemi.

Jgħid li minn meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni l-introjtu ta' martu żdied.

Rigward il-flus li għandu l-Bank jgħid li dawk huma sehmu mir-rikavat wara l-bejgħ tad-dar matrimonjali. Jafferma li huwa għandu d-dejn xi jħallas u ma għandux paga għolja bħal ma għandha martu.

In **kontroeżami**[14] jikkonferma li meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni huwa u martu kienu ftiehmu li hu jħallas mija u ħamsin ewro (€150) għal kull wild. Dakinhar it-tfal kellhom tmienja (8) u seba' (7) snin. Jgħid li l-unika darba li ħareġ flus aktar minn dawk għal manteniment kien meta nxtara nuċċali tal-vista għat-tifla. Jgħid li llum qed jibni dar sabiex jkun jista' jgħix mas-sieħba tiegħu u jkollu post fejn jilqa' lill-uliedu billi llum jgħix ma' omm is-sieħba tiegħu. Jgħid li dar ghadha ma hix lesta. Jkompli jgħid li llum jaħdem ma Bacchus Winery jwaħħal it-tikketti u jsuq it-trakk.

Il-**konvenuta JC**, xehdet permezz ta' affidavit.[15] Hija tgħid li minn meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni il-ħajja baqgħet togħla u għalhekk l-ammont li qed iħallas l-attur bħala manteniment ma għadhiex biżżejjed sabiex tkopri l-ispejjeż relatati mat-trobbija tat-tfal. Issemmi lista ta' visti li saru għand speċjalisti differenti u tgħid li dawn l-ispejjeż mediċi kellha tħallashom kollha hi.

[14] Seduta 21 ta' Ġunju, 2022
[15] A fol 194 tal-proċess

Tgħid li l-ammont ta′ mitt ewro (€100) għal spejjeż straordinarji ta′ saħħa u edukazzjoni huwa żgħir wisq meta mqabbel mal-ħtiġijiet dejjem jikbru tal-ulied. Tissokta tgħid li l-missier jgħid li ma għandux flus għal manteniment iżda mbagħad irid il-koparenting li minnu nniffsu ser iġib aktar spejjeż.

Tgħid li uliedha jqattgħu ħafna ħin mas-sieħba ta′ missierhom għax l-attur ikun għax-xogħol. Tgħid li t-tfal jibzgħu mill-missier u joqogħdu ħafna attenti li ma jinkorlawhx.

Tgħid li minn dak li tara hija f′uliedha ma għandux ikun hemm tibdil fl-aċċess billi skont hi l-aċċess huwa tal-missier għal uliedu u mhux anqas ħin mal-omm.

In **kontroeżami**[16] xehdet li meta ġie ffirmat il-kuntratt ta′ separazzjoni hija kienet diġà infermiera u t-tfal kellhom sitta (6) u erba′ (4) snin u li fil-kunttratt ġie miftiehem il-manteniment sakemm l-ulied jagħlqu tmintax(18)-il sena jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk ikunu għadhom l-iskola.

Tixhed li t-tfal huma normali u ma jbatux minn diżabbiltà u jkollhom bżonn biss *check ups* normali. Tgħid li minn meta ġie ffirmat il-kuntratt sal-lum li nbidel kien li t-tfal kibru u l-ħtiġijiet tagħhom żdiedu.

Rigward il-paga tgħid li maż-żmien il-paga tagħha żdiedet għax hija pprogressat fl-iskali. Tissokta tgħid li meta ġie ffirmat il-kuntratt ta′ separazzjoni hija kienet insistiet li ma tistax tagħmel *overtime*. Tgħid li llum hija taħdem *night shift* minħabba t-tfal. *Overtime* però ma tagħmilx sakemm ma jkunx hemm ħtieġa kbira mill-isptar.

Rigward il-manteniment tgħid li l-attur dejjem ħallsu. Tgħid li damet ħames (5) xhur ma ssarraf iċ-ċekk tal-manteniment

[16] A fol 370 tal-proċess

minħabba is-sitwazzjoni li nħolqot minħabba l-COVID. Tgħid ukoll li l-manteniment qatt ma żdied iżda baqa' l-istess minn dak inhar li ġie ffirmat il-kuntratt ta' seperazzjoni. Tisħaq li meta talbet lill-attur għall-ispejjeż li qabżu l-mitt ewro (€100) dan lanqas tahomlha.

Tispjega li hija qatt ma talbet flus lill-attur għajr għall-ispejjeż tal-bidu tal-iskola u għamlithom f'daqqa. Tispjega li ħafna mill-bżonnijiet tat-tfal għall-iskola ma tistax tixtrihom minn ħanut wieħed. Ittenni li talbitu l-flus darba u meta rat li ma tahomlhiex ma reggħetx talbitu. Tispjega li meta mar l-iskola u tawh il-lista tal-affarijiet neċessarji għat-tfal fil-bidu tal-iskola l-attur għadda l-lista lilha u ma xtara xejn.[17]

Tispjega li meta ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni kienet għadha ma tafx kemm ser jiżdiedu l-ispejjeż ta' uliedha. Tkompli tgħid li kienet kostretta tmur għal visti mediċi privati billi l-isptar trid tistenna.

Rigward l-aċċess tgħid li preżentement l-attur għandu aċċess nhar ta' Tlieta mit-tlieta u nofs ta' filgħaxija (03:30pm) sal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (05:30pm) fis-sajf tiżdied b'siegħa u fil-*weekend* darba mill-Ġimgħa għas-Sibt sal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (05:30) u l-Ġimgħa ta' wara mis-Sibt għal Ħadd sal-erbgħa u nofs ta' filgħaxija (04:30pm), fis-sajf tiżdied b'siegħa. Tispjega li jekk it-tfal ikunu jridu jqattgħu aktar ħin ma xi ħadd mill-ġenituri huma jirranġaw.

Tissokkta li llum il-ġurnata billi t-tfal kibru hija m'għadhiex tiddeċiedi hi iżda huma t-tfal li jridu jaċċettaw tibdil fil-ħinijiet. Rigward ir-rakkomandazzjoni tal-psikologa għal koparenting il-konvenuta qalet li din hija materja li jridu jiddeċiedu dwarha t-tfal u mhux hi.

---

[17] A fol 381 tal-proċess

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża bejn il-partijiet li huma ġa legalment separati bis-saħħa ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, fl-atti tan-Nutar Dr Maria Vella Magro datat 27 ta' Jannar, 2014, fejn *inter alia* tali kuntratt jirregola l-kura u l-kustodja tal-ulied, l-aċċess tal-attur għal uliedu minuri kif ukoll l-manteniment li l-attur obbliga ruħu li jgħaddi lill-intimata[18].

Permezz tal-kawża odjerna l-attur qed jitlob lil Qorti sabiex :

i) Tordna varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni fil-klawsoli li jittrattaw l-kura u kustodja sabiex dina tkun waħda konġunta;

ii) Tordna li l-aċċess tiegħu għandu jiżdied;

iii) Tordna l-varjazzjoni u riduzzjoni jew tħassir tal-klawsola li tipprovdi dwar il-manteniment dovut mill-attur lill-konvenuta.

Min-naħa l-oħra, l-intimata toġġezzjona għat-talbiet kollha tal-attur. Mhux hekk biss iżda l-konvenuta intavolat kontratalba li permezz tagħha qed titlob li l-manteniment jiġi awmentat u li l-missier jiġi ordnat iħallas sehmu mill-ispejjeż extrakurrikulari biex kull parti tħallas nofshom.

L-attur rikonvenzjonat minn naħa tiegħu joġġezzjona għat-talbiet tal-konventa rikonvenzjonanta.

**Dritt**

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod

[18] Klawsola 12 et seq tal-kuntratt, a fol 8 et seq tal-proċess

dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern, b'mod partikolari fir-rigward ta' varjazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni.

Din il-Qorti tirrileva li ġaladarba t-talba tal-attur hija waħda li effettivament tammonta għal varjazzjoni ta' dak ġa miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni allura il-punt tat-tluq għandu jkun dak pattwit fil-kuntratt ġa msemmi billi l-klawsoli miftiehma jikkostitwixxu vinkolu bejn il-partijiet li jammonta għal liġi bejniethom a bażi tal-prinċipju legali ***pacta sunt servanda***. Tali prinċipju huwa inkorporat fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

*"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta'liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin talpartijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".*

Dan il-prinċipju huwa meqjus bħala l-prinċipju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti u jirrikjedi li tiġi rispettata l-volontà tal-kontraenti u kif ukoll il-vinkolu kontrattwali.[19]

In linea di massima tajjeb jingħad ukoll li dak li ġie maqbul mill-partijiet flimkien, ma jistax jiġi mibdul minn parti waħda. Biex ikun hemm tibdil irid jkun hemm il-volontà ta' entrambi l-partijiet jew inkella jridu jissussistu r-raġunijiet elenkati fil-liġi stess u dan fil-każ ta' tħassir ta' dak maqbul.[20]

Fil-każ odjern lanqas ma tqajjem l-argument illi l-kuntratt fih xi ambigwità jew li l-intenzjoni tal-partijiet m'hix riflessa kif mistħoqq u għalhekk ma hemm l-ebda lok għal interpretazzjoni ulterjuri. Din il-Qorti tisħaq illi l-prinċipju kardinali li jirregola l-

[19] Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et, Prim'Awla, deċiża 30 ta' Mejju, 2002
[20] John Debono vs Carmela Debono, Qorti tal-Appell, deċiża 24 ta' April, 2015

istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandhu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-partijiet kif espressa fil-konvenzjoni li għandha tipprevali u trid tiġi osservata.[21]

Tenut kont ta' dan kollu però fil-każ tal-lum il-kuntratt li għandha quddiemha din il-Qorti huwa wieħed ta' separazzjoni u għalhekk irid jiġi apprezzat li dan huwa kuntratt partikolari. Permezz ta' dan il-kuntratt il-partijiet qablu kif ser jirregolaw tliet (3) tipi ta' obbligazzjonijiet u ċjoè, dawk purament personali, dawk purament proprietarji, u dawk misti.

Fl-obbligazzjonijiet purament personali bħal ma hija l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri l-Qorti tista' fi kwalisiasi ħin tbiddel anke dak pattwit mill-partijiet u dan fl-interess suprem tal-minuri. L-istess iżda ma jistax jingħad fil-każ ta' likwidazzjoni u assenjazzjoni reċiproka tal-komunjoni tal-akkwisti, billi hawnhekk l-Qorti hija totalment marbuta bil-kunsens tal-partijiet u dak deċiż minnhom ma jistax jiġi varjat ikunu x'ikunu ċ-ċirkostanzi li jinqalgħu.

Fil-każ odjern l-Qorti għandha quddiemha kuntratt ta' separazzjoni vinkolanti bejn il-partijiet liema kuntratt iżda ma jipprevedix il-kunsens taż-żewġ partijiet sabiex issir il-varjazzjoni fir-rigward ta' manteniment.

Minn qari tat-talbiet tal-attur mad-daqqa t'għajn jidher li dan qed jibbaża t-talba tiegħu fuq l-Artikolu 54 subinċiż 9 u l-Artikolu 21 subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili li jittrattaw l-obbligu tal-manteniment. Il-Qorti tosserva illi hawn si tratta ta' manteniment pattwit bonarjament bejn il-partijiet u mhux manteniment ordnat b'sentenza ta' Qorti. Dawn iż-żewġ tipi ta' manteniment iridu jinżammu distini minn xulxin billi fil-każ ta' separazzjoni personali *ex contractu*, kien hemm żmien fejn il-Qrati tagħna kienu ferm riġidi tant li ma kinux jippermettu ebda varjazzjoni,

[21] General Cleaners Limited vs Accountant General, Prim'Awla, Deċiża 29 ta' Novembru, 2001

inkluż varjazzjonijiet fir-rigward ta' mantenimenti[22]. Madanakollu, maż-żmien l-interpretazzjoni tal-qrati saret aktar flessibbli. Infatti ġie ritenut li:-

*"Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn ieħor pattwit bejn il-konjugi nfushom għall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt għandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet għal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bħala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jħallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok għal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn ieħor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed għandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess tagħhom it-tnejn."* [23]

Minn qari ta' ġurisprudenza jirriżulta li llum huwa ben stabbilit il-prinċipju li fil-kuntest ta' mateniment u d-duttrina legali tal-*pacta sunt servanda*, fil-każ ta'separazzjoni *ex contractu*, bħalma hu fil-każ in eżami, il-kuntratt ta' separazzjoni jista' jiġi mibdul biss f'każ li tiġi stabbilita u ppruvata li l-persuna titlob il-varjazzjoni sfat fl-impossibilità, u mhux sempliċiment diffikultà, li tkompli tħallas l-ammont maqbul bejn il-partijiet.

[22] Mary Vella vs Mario Vella, Qorti tal-Appell, deċiża 11 ta Jannar, 1996
[23] Alfred Grech vs Pauline Grech, Qorti tal-Appell, deċiża 6 ta' April, 2004

Maż-żmien il-qrati komplew iċċaraw il-prinċipju msemmi u filwaqt li ġie ammess li l-prinċipju *pacta sunt servanda* għandu jiġi applikat għall-kuntratti tas-separazzjoni personali bħal kull kuntratt ieħor, madankollu f'ċirkostanzi gravi, eċċezzjonali jew indipendenti mill-volontà tal-parti li ġabuha fl-impossibbilità li tkompli teżegwixxi l-obbligu tal-ħlas ta' manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti għandha l-fakoltà, u dan fuq il-bażi razzjonali tal-interess tal-ordni pubbliku, li tirrevedi dan l-obbligu. Dan ifisser li meta si tratta revizjoni ta' manteniment pattwit, filwaqt li in linea ġenerali għandu japplika l-prinċipju ġenerali regolanti l-materja tal-kuntratti *pacta sunt servanda*, għandu japplika wkoll, bħala deroga mill-istess, il-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*, li jifforma r-*ratio legis* tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap. 16 li jfisser li ħwejjeġ impossibbli ma jistgħux ikunu oġġett ta' kuntratt.

Tenut kont ta' dan kollu l-eżerċizzju li trid tagħmel din il-Qorti meta tkun rinfaċċata b'talba bħal dik li għandha quddiemha llum hija li fl-ewwel lok teżamina jekk ir-reviżjoni mitluba mill-attur hix ikkontemplata fil-kuntratt ta' separazzjoni. Jekk l-eżami jirriżulta fin-negattiv, imbagħad l-Qorti tgħaddi sabiex teżamina l-pożizzjoni legali fir-rigward tat-talba għal varjazzjoni ta' manteniment pattwit fil-kuntratt konsenswali ta' separazzjoni fil-parametri ta' *pacta sunt servanda*, u d-deroga ġa msemmija *ad impossibilia nemo tenetur*.

Il-Qorti tosserva li f'kawzi bħal dik tal-lum il-Qorti trid filwaqt li tiżen it-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-partijiet, tqis ukoll l-interess suprem tal-minuri, liema prinċipju għandu japplika waqt iż-żwieġ tal-ġenituri u kif ukoll wara separazzjoni, sia ġudizzjarja jew konsenswali. L-obbligu li ġenitur iħallas il-manteniment versu l-ulied joħroġ ċar mill-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

*"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*

Imbagħad l-Artikolu 3B tal-istess Kodiċi jkompli li:

*"Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied."*

Minn qari ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet joħroġ ċar li l-ġenituri għandhom obbligi ndaqs lejn l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex uliedu jkollhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiż 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni.

Huwa fatt mhux kontestat li dawn l-obbligi tal-ġenituri jieħdu daqqa ta' ħarta meta l-ġenituri jkunu ghaddejjin minn separazzjoni u anke wara. Mandankollu l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja anke jekk il-*quantum* u l-modalità jaf ikunu suġġetti għal modifikazzjonijiet dettati mill-mezzi u għalhekk huwa meħtieġ li jsiru l-kalkoli skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Irid jingħad ukoll li *"fir-rigward tal-manteniment illi jkun ġie miftiehem bejn il-miżżewġin permezz ta' kuntratt f'separazzjoni konsenswali, il-Qrati taghna sa minn zmien Sir Adriano Dingli (Vol 9 pagna 463) dejjem irritenew illi manteniment iffissat minn kuntratt ta' separazzjoni ma jistax jiġi varjat, differentement minn dak iffissat mill-Qorti. Dan il-punt ġie konfermat diversi drabi anke per esempju taht il-presidenza ta' Sir Arturo Mercieca fis-26 ta' Ottubru 1937 fejn intqal illi l-legislatur ried jagħti lis-separazzjoni personali konsenswali in-natura ta' veru kuntratt b'mod li l-pattijiet li jsiru fiha ma jistghux jiġu mibdula mingħajr il-kunsens komuni tal-partijiet ... … … il-klawsola*

*dwar l-alimenti ma tistax tiġi modifikata mill-Qorti jekk ikun hemm opposizjoni minn wahda mill-partijet (Vol 29.1.1121). Il-Qorti ma thossx li għanda tissofferma iktar fuq dan il-punt fit-tul u taghmel biss riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Alfred Grech v. Pauline Grech deciza fis-16 ta' April 2004 fejn din il-kwistjoni ġiet spjegata fit-tul. Hemmhekk il-Qorti filwaqt li ikkoncediet li l-pozizzjoni tal-Qrati taghna fir-rigward ma baqghetx daqshekk rigida, ukoll ikkonkludiet li hemm differenza f'dan ir-rigward bejn manteniment miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni għal wiehed impost mill-Qorti. Minn din is-sentenza allura johrog li huwa minnu li kien hemm kazi fejn il-qrati ezentaw lill-parti li kienet obligat ruhha li tħallas il-manteniment miftiehem permezz ta' kuntratt, iżda dan biss f'kazi fejn dik il-persuna kienet ġiet fl-impossibilita` li tkompli tħallas dak l-ammont u mhux f'diffikulta` li tibqa' taghmel hekk. Il-Qorti trid allura tinvestiga jekk il-bdil tac-cirkostanzi kienx tali li wassal għal din l-impossibbilita' (…)".* [24]

Huwa għalhekk ċar illi fir-rigward ta' separazzjoni *ex contractu*, il-manteniment jista' biss jiġi varjat f'każ li tiġi stabbilita u ppruvata li l-persuna titlob il-varjazzjoni sfat fl-impossibilità, u mhux sempliċiment diffikultà, li tkompli tħallas l-ammont maqbul bejn il-partijiet.

**Tibdil fil-manteniment**

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in diżamina jingħad illi l-Qorti trid għaldaqstant tinvestiga jekk il-bdil taċ-ċirkostanzi tal-attur kinux tali li wasslu għal l-impossibbiltà tiegħu, u mhux sempliċiment diffikultà, li jħallas is-somma kollha ta' tlett elef ewro (€300) bħala manteniment għal uliedu, u dan skont il-kuntratt ta' separazzjoni ġa msemmi.

Mill-provi prodotti u li din il-Qorti eżaminat bir-reqqa jirriżulta li l-attur u l-konvenuta ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni fis-27

[24] Saviour Galea vs Carmela Galea, Qorti tal-Appell, deċiża 29 ta' Jannar, 2016

ta' Jannar, 2014. Dak inhar l-attur intrabat li jħallas is-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150) għal kull wild ix-xahar, liema somma kellha tiżdied kull sena skont l-ogħli tal-ħajja u sakemm dak l-ammont ma jaqbiżx is-somma ta' mija ħamsa u sittin ewro (€165) għal kull wild. B'żieda ma dan ftiehmu wkoll li jekk ikun hemm spiża straordinarja ta' saħħa u edukazzjoni li taqbeż il-mitt ewro (€100) l-attur għandu jħallas nofsha sakemm ikun hemm qbil bejn il-partijiet li l-ispiża hija neċessarja u tingħata kopja tar-riċevuta rispettiva.

Fil-mertu, il-Qorti tevalwa li l-attur jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq il-fatt illi l-introjtu tiegħu ma hux daqs ta' martu. L-Qorti iżda tqis li dan l-argument huwa wieħed fieragħ u dana billi meta l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni d-differenza fil-paga bejn il-partijiet kienet diġà teżisti. L-attur stess jikkonferma li din id-differenza kienet hemm sa mill-bidu nett. Minkejja id-differenza fil-paga l-partijiet qablu dwar l-ammont li kellu jiġi versat mill-attur. Mill-provi akwiżiti jirriżulta wkoll li meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni l-attur kien jaħdem ġo forn u kien idaħħal madwar tmien mitt ewro (€800) fix-xahar, però mbagħad biddel ix-xogħol sabiex ikollu aktar ħin għal uliedu u l-paga naqset bi ftit. Il-Qorti però tinnota wkoll li l-attur jagħmel ukoll xi xogħol *part time.* Mhux hekk biss iżda jirriżulta wkoll li huwa ħallas l-ispiża straordinarja darba waħda biss meta nxtara nuċċali tal-vista għall-minuri.

Il-Qorti tagħmilha ċara li ma hux il-kompitu tagħha li tgħarbel il-kuntratt tal-partijiet u tanalizza jekk il-partijiet setgħux għamlu l-kuntratt aħjar milli għamluh. Lanqas ma tista' teżamina u tiddeċiedi jekk stipulazzjoni setgħetx tkun anqas oneruża milli fil-fatt il-partijiet ftiehmu. Sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u eċċezzjonali li ma kinux prevedibbli fil-mument tal-kuntratt, talba għal reviżjoni tal-istipulazzjonijiet kontrattwali għandha tiġi riġettata. Mill-analiżi li għamlet il-Qorti ma tistax tikkonkludi li s-sitwazzjoni tal-attur inbidlet kaġun ta' xi

sitwazzjoni li ma kinitx prevedibbli meta huwa ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni u dan billi s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu baqgħet *presso poco* l-istess.

Tfakkar li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Tisħaq li l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat.

In vista ta' dan kollu l-Qorti wara li qieset il-provi kollha tista' faċilment tasal għall-konklużjoni li l-attur ma huwiex fl-impossibbilità li jonora l-ftehim li daħal għalih anke jekk il-paga li kien qed jieħu meta ffirma l-kuntratt kienet kemxejn aktar minn dik li qed jieħu llum. Fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti fil-konfront tat-tielet talba tal-attur u t-talbiet rikonvenzjonali ser tgħaddi sabiex tiċħad it-talba tal-attur għal tħassir jew tnaqqis ta' manteniment però tqis li l-ammont imħallas mill-attur għandu jiġi awmentat u dan in vista tal-fatt illi minkejja li l-kuntratt ta' separazzjoni jagħmilha ċara li s-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150) għal kull wild kellha tiġi aġġustata kull sena skont l-ogħli tal-ħajja dan baqa' ma sarx, u dan apparti l-fatt li llum il-ġurnata s-somma maqbula bejn il-partijiet ma tirriflettix ir-realtà tal-ħtiġijiet tal-ulied. Hija l-fehma meqjusa ta' din il-Qorti wkoll li l-manteniment ma għandux jiġi spezzattat iżda għandu jkun pakkett wieħed li jkun jinkludi fih l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, alterimenti jkun hemm lok għal tfettieq bla bżonn u pika bejn il-partijiet li ma twassal imkien ħlief għal kwistjonijiet li mbagħad jirriflettu fl-ulied. Għalhekk l-Qorti hija tal-fehma li l-manteniment imħallas mill-attur lill-konvenuta kull xahar għandu jkun ta' sitt mitt ewro (€600) li jinkludi l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni.

**Kura, Kustodja u Aċċess**

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment"*[25].

Ingħad ukoll li *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli"*[26].

Minn qari ta' ġurisprudenza fejn il-materja li tirrigwarda il-kura u kustodja ġiet mgħarbula sew joħroġ ċar kemm il-qrati dejjem qiesu li apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, il-prinċipju dominanti li jrid jiġi mħares meta jkun qed isir l-eżerċizzju evalwattiv dwar min mill-ġenituri għandu jingħata l-kura u l-kustodja tal-ulied huwa dak tal-aktar utilità u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u *de facto* li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut. Il-Qorti tisħaq illi l-kura u kustodja tal-ulied hija responsabbiltà li jridu iġorru l-ġenituri, li l-mira tagħhom għandu jkun il-benessere tal-ulied. Dan ifisser li l-Qorti trid tara

[25] Jennifer Portelli pro et noe vs John Vella, Prim Awla, deċiża 25 ta' Ġunju, 2003
[26] Sue Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless, Prim Awla, deċiża 8 ta' Diċembru, 1858

x'jgħodd għall-ulied u mhux l-esiġenzi u l-ħtiġijiet tal-ġenituri billi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri.[27]

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali, tal-provi kollha ppreżentati u wara li qieset bir-reqqa r-rapport tal-esperta psikologa Dr Ellul Federici l-Qorti tinnota illi bi qbil bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni l-kura u kustodja tal-minuri kienet fdata f'idejn l-omm. Ir-raġuni għal dan kienet li l-missier kien jaħdem f'forn bil-lejl u ma setax skont hu jieħu ħsieb il-minuri. Il-Qorti iżda, u dan fid-dawl tal-insenjamenti preċitati, tqis li l-argument tal-preżenza fiżika tal-missier kien jagħmel sens li kieku wieħed ikun qed jargumenta dwar l-aċċess, però fil-każ tal-kura u kustodja aktar milli l-preżenza fiżika, hija aktar kwistjoni ta' min ser iġorr il-piż ta' deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ulied, min ser jiddeċiedi hu l-bżonnijiet tagħhom u jidher hu għalihom.

Fil-każ odjern il-partijiet permezz tal-klawsola 9 fil-kuntratt ta' separazzjoni ftiehmu li l-kura u kustodja tal-ulied minuri tiġi vestita fl-omm — però deċiżjonijiet dwar saħħa u edukazzjoni d-deċiżjonijiet jittieħdu konġuntivament. Il-Qorti, fid-dawl tax-xhieda u l-provi kollha tqis li dak miftiehem bejn il-partijiet jikkostitwixxi bilanċ prattiku fl-eżerċitazzjoni tal-piż ta' kura u kustodja tal-ulied. Jirriżulta ċar li deċiżjonijiet ta' kuljum, illum teħodhom l-omm iżda deċiżjonijiet dwar saħħa u edukazzjoni li fl-aħħar mill-aħħar huma deċiżjonijiet li jimpattaw sew fuq ħajjet il-minuri, iridu jittieħdu miż-żewġ ġenituri flimkien. Għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont tal-bilanċ milħuq, ma għandu jkun hemm l-ebda tibdil fil-klawsola ġa msemmija.

**Talba għal tibdil fl-aċċess**

---

[27] Francis Farrugia vs Duncan Caruana, Prim'Awla, deċiża 31 ta' Mejju, 2017

L-attur fit-tieni talba tiegħu jitlob li l-aċċess għal uliedu jiżdied u dana billi huwa jingħata aċċess daqs martu. Jitlob li l-aċċess għandu jkun ta' tlett (3) ijiem fil-ġimgħa bil-ħinijiet predeterminati tali li huwa u martu jkollhom l-istess ħin miegħu daqskemm iqattgħu ħin mal-konvenuta.

Il-Qorti għal darb'oħra tagħmilha ċara li l-aċċess għal ulied daqs kemm hu dritt tal-ġenituri huwa daqshekk ukoll dmir versu l-ulied. Il-preżenza tal-ġenituri f'ħajjet uliedhom hija important ħafna u meta ġenituri jisseparaw tali preżenza ssir aktar importanti billi ċ-ċertezza li toffri relazzjoni stabbli fejn l-ulied ikunu indukrati mill-ġenituri tisfa' mminata. Ir-raġel u l-mara waqt u wara separazzjoni ma jitilfux il-kwalità tagħhom ta' missier u omm. Għalhekk huwa important li minkejja d-differenzi ta' bejniethom il-partijiet jibqgħu jaħdmu bis-sħiħ sabiex kemm jista' jkun flimkien jgħinu lil uliedhom jiffaċċjaw il-ħajja. Il-ħin mal-ulied ma għandux jissarraf fi flus. Dan il-Qorti qed tgħidu in vista tax-xhieda tal-attur fejn meta mistoqsi r-raġuni għalfejn fetaħ il-kawża odjerna rrisponda li r-raġuni hija għax il-konvenuta talbitu flus għall-manteniment. Barra min hekk fl-affidavit tiegħu afferma li "*ghamilt kawza biex naqsam it-trobbija tat-tfal maghha u b'hekk dak li ma nistax naghti finanzjarjament naghtih b'ħin u mhabba.*" Il-Qorti tisħaq illi l-ħin u l-imħabba għall-ulied ma għandhomx prezz. Il-kura u kustodja u l-aċċess ma jissarfux fi flus.

Barra minn hekk din il-Qorti tagħmilha ċara li, fejn jidħlu minuri, m'hemmx dritt għall-aċċess, iżda obbligu tal-ġenituri li t-tnejn jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-minuri. Kwindi lil min jiġi fdat bil-kura tal-minuri u kif jiġi provdut l-aċċess, jiddependi mill-ħtiġijiet tat-tfal u mhux mill-interess tal-ġenituri. Huma l-ġenituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux *vice versa*. L-importanti hu l-istabbilità emozzjonali tat-tfal, u li dawn ikollhom kuntatt mal-ġenituri tagħhom bl-anqas intoppi possibbli.

Fil-każ odjern fid-dawl tal-fatt li l-minuri ilhom taħt il-kura u kustodja tal-omm u jgħixu magħha huwa ħaġa minn għawl id-dinja li l-ulied illum daħlu f'rutina ta' ħajja. Mill-atti proċesswali ma jidhirx li tali rutina ma kinitx qiegħda taħdem jew li kienet qiegħda toħloq xi preġudizzju lill-minuri nfushom. Irid jingħad illi qabel il-kawża tal-lum ma kien hemm l-ebda allegazzjoni li l-ulied kienu qed isofru xi ħsara. L-esperta psikologa ġiet inkaragata mill-Qorti wara t-talba tal-attur għal żieda fl-aċċess. Issa huwa minnu li l-esperta Dr Ellul Federici waslet għal numru ta' rakkomandazzjonijiet fosthom il-mudell ta' koparenting bl-ulied jirrisjedu ċertu ġranet mal-missier u ċertu ġranet mal-omm, però l-istess esperta ssottolinejat li biex dan il-mudell jirnexxi l-partijiet jenħtiġilhom jattendu kors ta' f'koparenti, iridu jikkollaboraw bis-sħiħ flimkien u dana sabiex it-tranzizzjoni tal-ulied minn dar għal oħra tkun mingħajr problemi, kif ukoll iridu jinvestu materjalment sabiex dak li l-minuri jkollhom f'dar ta ġenitur jiġi replikat fid-dar tal-ġenitur l-ieħor sabiex l-ambjent ikun kemm jista' jkun uniformi ħalli jonqos l-iskariġġ għal minuri kif ukoll jiġi mnaqqsa l-problemi fl-addattar.

Issa l-Qorti fliet sew ix-xhieda mogħtija u jidrilha li ġaladarba l-partijiet lanqas biss waslu fi qbil dwar min u kif għandhom jitħallsu l-ispejjeż in eċċess ta' mitt ewro (€100), il-probabbiltà li jaslu biex jiftiehmu fuq kwistjonijiet aktar kumplessi li jirrikjedu kompliċità u maturità hija remota u dan minbarra l-fatt li l-attur innifsu stqarr li attwalment huwa qed jgħix għand omm is-sieħba tiegħu għax id-dar li qed jibni għadha ma hix lesta. Minn dak li jirriżulta mir-rapport ta' Dr Ellul Federici sabiex il-mudell ta' koparenting jirnexxi jenħtieġ li dak li l-ulied ikollhom għand ġenitur, isibuh għand il-ġenitur l-ieħor ukoll. Minn dak li xehed l-attur dan l-aspett loġistiku bħalissa għadu ma hux possibbli billi l-attur lanqas għandu d-dar tiegħu lesta u għalhekk huwa evidenti li dak maħsub mill-Esperta ma jistax jimmaterjalizza anke fuq livell prattiku u materjali.

Madankollu tqis ukoll li jkun fl-interess suprem tal-minuri li jqattgħu ħin ma' missierhom. Jirriżulta li llum ulied il-kontendenti għandhom erbatax (14) u tlettax(13)-il sena rispettivament u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi ma għandhiex timponi xi modalità ta' aċċess hi, iżda li l-aċċess għandu jkun liberu b'dana illi l-ulied għandhom jiftiehmu huma mal-missier meta għandu jsir l-aċċess.

**Decide**

Għaldaqstant in vista tal-premess u l-motivi ġa espressi din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba għal tibdil fl-aċċess, b'dan illi l-aċċess għandu jkun wieħed liberu bl-ulied jiftiehmu huma mal-missier rigward il-ħinijiet tal-aċċess;

3. Tiċħad it-tielet talba għal riduzzjoni jew tħassir tal-manteniment;

4. Tiddisponi mit-talbiet rikonvenzjonali billi tordna l-varjazzjonni ta' klawsola 21B tal-kuntratt ta' separazzjoni u tordna li min issa 'l quddiem il-manteniment versat mill-attur għandu jkun fis-somma ta' sitt mitt ewro (€600) għaż-żewġt ulied liema somma għandha tinkludi l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari.

L-ispejjeż għandhom ikunu a karigu tal-attur.

(ft) Dr Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur